


KONFERENZA
TAR-RAPPREŻENTANTI
TAL-GVERNIJIET
TAL-ISTATI MEMBRI

Brussell, 20 ta' Awwissu 2021
(OR. fr)

10731/21

LIMITE

JUR 406
INST 266
COUR 44



ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI
MEMBRI li taħtar żewġ Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja

DEĊIŻJONI (UE) 2021/...
TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI

ta' ...

li taħtar żewġ Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Billi:

- (1) Jenħtieġ, taħt l-Artikoli 5 u 7 tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Gerard HOGAN li ssir effettiva fis-6 ta' Ottubru 2021, li jinħatar Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-bqija tal-mandat tas-Sur Gerard HOGAN, jġigifieri sas-6 ta' Ottubru 2024.
- (2) Is-Sur Anthony COLLINS ġie nnominat għal din il-kariga.
- (3) Barra minn hekk, il-mandati ta' erbatax-il Imħallef u sitt Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja ser jiskadu fis-6 ta' Ottubru 2021. Jenħtieġ li jsiru ħatriet biex jimtlew dawn il-karigi għall-perijodu li jibda fis-7 ta' Ottubru 2021 u li jiskadi fis-6 ta' Ottubru 2027.
- (4) Is-Sa Laila MEDINA ġiet innominata għall-post ta' Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja.
- (5) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità ta' dawn il-kandidati sabiex jaqdu d-dmirijiet ta' Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Anthony COLLINS huwa b'dan maħtur Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta' Settembru 2021 sas-6 ta' Ottubru 2024.

Artikolu 2

Is-Sa Laila MEDINA hija b'dan maħtura Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2021 sas-6 ta' Ottubru 2027.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Il-President
